MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 959/2010

**Hemlata Lachmandas *sive* Roshan Mohnani**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-23 ta' Settembru 2010 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti maħruġ mir-Reġistratur Pubbliku bin-numru 2067 tas-sena 2003 anness u mmarkat 'Dok RM 01' l-isem tagħha, fil-kolonna 'isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa' jidher erronjament bħala 'Hemlata Lachmandas' minflok l-isem 'Roshan' attwalment l-isem Lachmandas huwa fil-fatt isem missierha;

Illi minn dejjem ir-rikorrenti kienet magħrufa bl-isem ta' 'Roshan' u konsistentement kienet imsejħa u magħrufa bih u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Illi kemm il-ġenituri, familjari u ħbieb tal-istess rikorrenti jafuha bl-isem 'Roshan' u dan huwa rifless fid-dokumenti uffiċjali bħad-dokument tal-karta tal-identita' li kopja tagħha qed tiġi anness u mmarkata "Dok RM 02" kif ukoll il-passaport li kopja tiegħu qed tiġi annessa u mmarkata bħala "Dok RM 03" u ċertifikat tat-twelid ta' wliedha li qed jiġu annessi u mmarkat bħala "Dok RM GB 04" u "RM 05", iċ-ċertifikat ta' ċittadinanza li kopja tiegħu qed jiġi anness u mmarkat Dok RM 06 u ċertifikat taż-żwieġ Indjan u Malti u Dok RM 07 u RM 08 u dokument oħra taċ-ċittadinanza Dok RM 09 and RM 10, liċenzja tas-sewqan Dok RM 11 u dokumenti tal-Bank RM 12;

Illi *nonostante ċioe* l-att ta' twelid tar-rikorrenti juri l-isem "Hemlata Lachmandas";

Illi tali inkonsistenza kkawżat u qed tikkawża diffikultajiet prattiċi tar-rikorrenti;

Illi r-rikorrenti għandha interess skond il-liġi, *inter alia ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kap 16, li ssir d-debita korrezzjoni;

Għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, jgħid l-intimat għaliex din l-Onorabbli Qorti, m'għandhiex, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1. Tiddikjara li l-isem li bih ir-rikorrenti hija konsistenement magħrufa huwa "Roshan" u mhux "Hemlata Lachmandas";

2. Tordna sabiex issir annotazzjoni fiċ-ċertifikat tat-twelid, anness u mmarkat 'Dok RM 01' minnu maħruġ, bin-numru : tnejn zero sitta sebgħa (2067) tal-2003, fis-sens illi fil-kolonna intestata "Isem jew ismijiet li bih /

bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa" l-isem "Hemlata Lachmandas" jiġi kkanċellat u sostitwit bl-isem 'Roshan';

3. Tordna li jsiru annotazzjonijiet fid-dokumenti pubbliċi fejn jidher isem ir-rikorrenti fis-sens illi kull fejn hemm isem ir-rikorrenti huwa ndikat bħala "Hemlata Lachmandas" jidħol minflok l-isem 'Roshan'.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat li huwa nġunt minn issa għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ppreżentata fid-19 ta' Ottubru 2010, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppublikat avviż fil-Gażżetta tal-Gvern *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi dwar il-mertu ta' dan il-każ, jiġi osservat li t-teżi attriċi li l-isem uffiċjali tagħha huwa *'Roshan*' u mhux *'Hemlata Lachmandas'* tinsab kontradetta (i) mill-att tat-twelid oriġinali tagħha (Dok DRP 1) maħruġ fl-Indja fejn isimha huwa mitkub bħala *'Hemlata LAchmandas Mirpuri'* (ii) miċ-ċertifikat taċ-ċittadinanza tagħha fejn isimha huwa mniżżel *'Hemlata L. k/a Roshan Monani'* (Dok DRP2) u (iii) kif ukoll minn Dok RM07 liġie ppreżentat mill-attriċi stess mal-att tar-rikors ġuramentat u dan għaliex fiċ-ċertifikat taż-żwieġ Indjan tagħha, fil-partita numru 4 hemm speċifikat li *"The full name of the bride"* huwa "***Miss Hemlata L. Mirpuri"***. *Inoltre* l-istess isem ta' ***"Hemlata L. Mirpuri"*** reġa' mbagħad ġie riprodott fl-att taż-żwieġ numru 1477/1933 (Dok RM08) meta l-attriċi talbet li jiġi reġistrat hawn Malta ċ-ċertifikat taż-żwieġ Indjan tagħha;

Illi għalhekk minn dan joħroġ ċar li ma jirriżultax li kien sar xi żball fir-reġistrażżjoni tal-att tat-twelid tal-attriċi u għalhekk it-talba attriċi msejsa kif inhi fuq il-korrezzjoni ma tistax tiġi milqugħa. Naturalment dan impreġudikat id-dritt tagħha li jekk trid tista' titlob l-awtorizżazzjoni lil din l-

Onorabbli Qorti biex issewwi l-premessi tal-azzjoni tagħha biex jiġu nkwadrati taħt il-parametri msemmija fl-Artikolu 253(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi bla ħsara għal premess dwar it-tielet talba attriċi, dina wkoll ma tistax tiġi akkolta. Fl-ewwel lok għaliex l-intimat huwa kompetenti biss fir-rigward ta' att tal-istat ċivili u mhux tad-dokumenti pubbliċi kollha u fit-tieni lok għaliex skond l-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta l-attriċi għandha tispeċifika n-numru u s-sena tal-atti tal-istat ċivili li hi qiegħda tagħmel referenza għalihom;

Illi dejjem mingħajr ħsara għal dak fuq imsemmi l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tal-attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponenti u kwindi huwa m'għandux jiġu assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti:

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali kompriżi l-affidavits.

Rat ukoll id-digriet tat-18 ta' Marzu 2011 li permezz tiegħu ġew awtoriżżati l-korrezzjonijiet mitluba;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Diċembru 2011 fejn il-kawża ġiet differita għas-sentenza ;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawża hija msejsa fuq l-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi rimedju għal persuna li tirriskontra żball fl-att tat-twelid tagħha kif ukoll biex persuna titlob reġistrazzjoni ta' isem li bih tkun magħrufa għall-familja tagħha. Il-pubbikazzjoni fil-Gażżetta tal-Gvern saret debitament (fol 21).

Illi f'din l-eċċezzjoni tal-konvenut tista' tgħid li ġew sorvolati bil-korrezzjoni fl-att promotur li ġiet awtoriżżata mill-Qorti għaliex l-attriċi issa qed titlob annotazzjoni fl-att tat-twelid. Fuq il-fatt li l-attriċi dejjem issejħet **Roshan** ma hemmx dubju u għalhekk l-ewwel żewġ talbiet se jintlaqgħu. Sewwa pero' eċċepixxa l-konvenut illi l-Artikolu 253 (3) jgħid li l-atti li l-attriċi tkun trid tibdil fihom iridu jkunu ndikati.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tilqa' l-ewwel żewġ talbiet attriċi u tiċħad it-tielet talba, tilqa' r-raba' eċċezzjoni tal-konvenut.**

**Spejjeż ikunu a kariku tal-attriċi stess.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------